V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10446 — Swiss Life Holding/Gelsenwasser/Infrareal)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 424/02)

1. Fil-11 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Swiss Life Holding AG ("Swiss Life", l-Iżvizzera),

— Gelsenwasser AG ("Gelsenwasser", il-Ġermanja),

— Infrareal GmbH ("Infrareal", il-Ġermanja).

Swiss Life u Gelsenwasser jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Infrareal kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Infrareal: tikkonsisti f'kumpanija azzjonista ta' ġestjoni Ġermaniża għal kumpaniji li joperaw minn siti u ż-żewġ sussidjarji operazzjonali, Pharmaserv GmbH u Pharmapark Jena GmbH. Pharmaserv GmbH u Pharmapark Jena GmbH jħaddmu parks tan-negozju b'enfasi fuq is-settur tax-xjenza tal-ħajja u jipprovdu, *inter alia*, servizzi ta' ġestjoni ta' siti, infrastruttura teknika u servizzi loġistiċi f'dan ir-rigward,

— Gelsenwasser: kumpanija tal-utilitajiet li tforni l-gass naturali u l-ilma ħelu lir-residenti fil-Ġermanja. Hija attiva prinċipalment f'ħames setturi: l-ilma, l-ilma mormi, in-networks tal-enerġija, il-bejgħ tal-enerġija, u l-investimenti.

— Swiss Life: fornitur ta' soluzzjonijiet komprensivi fl-assikurazzjonijiet tal-ħajja, tal-pensjonijiet u tal-finanzi. Bil-marka umbrella tagħha, hija toffri lill-individwi u lill-korporazzjonijiet pariri komprensivi u individwali flimkien ma' firxa wiesgħa ta' prodotti proprji u sħab permezz tal-forza tal-bejgħ tagħha u sħab ta' distribuzzjoni bħal sensara u banek. Swiss Life hija attiva fis-settur tal-assikurazzjoni tal-ħajja u fis-segment tal-investiment u tal-ġestjoni tal-assi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10446 — Swiss Life Holding/Gelsenwasser/Infrareal

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.